**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 21 ta' Gunju 2022**

Rikors Numru: 102/22 AL

A B

vs

C B

(MR Nurmu 319/1991)

Rat ir-rikors li ġie preżentat mir-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

1. Il-partijiet iżżewġu fis-sitta (6) ta' April tas-sena elf disa' mija u wieħed u disgħin (06.04.1991), kif jirrizulta mic-Čertifikat taż-Żwieġ hawn anness u mmarkat Dok 'A', u minn dan iż-żwieg huma kellhom żewġt itfal ossia D B u E B, illi llum huma maġġorenni;

2. Il-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippublikat minn Nutar Dr. Marica Buttigieg Sciberras fid-disgħa (9) ta' April tas-sena elfejn u tnax (09.04.2012), li kopja tiegħu tinsab hawn annessa u mmarkata Dok 'B';

3. Ma hemm ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom għal dawn l-aħħar għaxar (10) snin mifrudin, illum huma għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

4. Anqas ma hemm pendenzi ta' manteniment, u l-att ta' separazzjoni qiegħed jiġi osservat fl-intier tiegħu;

5. Dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ eżistenti bejn il-partijiet ai termini tal artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Marzu, 2022;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx u ma pprezentatx risposta.

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta' April, 2012;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejnithom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.